FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
MAGISTRAT DR JACQUELINE PADOVANI LL.D. LL.M. (IMLI)
SEDUTA TA' NHAR IL-11 TA' DICEMBRU 2001

PULIZIJA
SPETTUR ALEXANDRA FARRUGIA MAMO
VS
ANTHONY BRIFFA

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Anthony Briffa ta' 51 sena, bin Pio u Dolores nee Pirata, imwieled Valletta fl-20 ta' Frar 1949 u residenti Vila Selena, Triq Fomm il-Gheliem, Swieqi, Ibragg detentur tal-karta tal-identita numru 163149M talli f'dawn il-gzejjer, f'dawn l-ahhar snin, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda:-

Ghamel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holoq pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhal dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dawn l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffurmati, inkella billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom jkellhom fihom jew kellhom jipruvaw u cioe ghamel falsifikazzjoni tal-firem tal-Uficcjal tal-Port Health Services, tal-ufficjali tad-Dipartiment tas-Servizzi Veterinarji tal-Gvern, u ta' persuni ohra awtorizzati sabiex jiffirmaw dokumenti tal-Gvern, liema falsifikazzjoni saret fuq dokumenti tal-Port Health Services, tad-Dipatiment tas-Servizzi Veterinarji tal-Gvern u dokumenti ohra ta' dipartimenti tal-Gvern, sabiex isir ir-rilaxx ta' importazzjonijiet mill-kumpanija R.A.B. Ltd mid-Dwana u dan sabiex

tigi evitata l-procedura adottata ghal tali importazzjonijiet mid-dipartiment tal-Port Health Services u id-Dipartiment tas-Servizzi Veterinarji tal-Gvern u aktar talli ghamle uzu mill-istess atti, skritturi jew kitba falza u dan bi ksur tal-artikoli 183 u 184 tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Talli iffalsifika cedula, polza, ordni jew dokumenti ohra, illi meta jigu ippresentatiwiehed jista jircievi bihom hlas, jew jiehu l-kunsinna ta' oggetti, jew jigbor depositu jew rahan minn ufficju pubbliku, jew minn bank jew stabbiliment pubbliku iehor imwaqqaf jew maghruf b'xi att pubbliku tal-Gvern u cioe iffalsifika dokumenti tal-Gvern, tal-Port Health Services, tad-Dipartiment tas-Servizzi tal-Veterinarji tal-Gvern u dipartimenti ohra tal-Gvern sabiex jigu rilaxxati importazzjonijiet ta' oggetti impurtati mill-kumpanija tieghu R.A.B. Ltd u b'hekk evitata procedura adotata mid-Dipartiment tal-Port Health Services u I-Dipartiment tas-Servizzi tal-Veterinarju tal-Gvern u d-Dipartimenti ohra u aktar talli xjentement ghamel uzu minn wahda mill-karti falsifikati imsemmijin hawn fuq, dan ir-reat sar bi ksur tal-artikolu 167 u 169 tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih innifsu jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta taghrif falz lid-Dipartiment tal-Gvern, fosthom, id-Dwana ta' Malta, il-Port Health Services u lid-Dipartiment tas-Servizzi tal-Veterinarju tal-Gvern u dipartimenti ohra, dan sabiex jigu rilaxati importazzjonijiet ta' oggetti impurtati mill-kumpanija tieghu R.A.B. Ltd mid-Dwana ta' Malta, u dan bi ksur tal-Artikolu 188 tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Iffalsifika sigilli, timbri jew marki ohra, li qeghdin sabiex jissigillaw, jittimbraw jew jimmarkaw, l-isem tal-Gvern jew ta' l-awtoritajiet tieghu, dokumenti jew oggetti ta' proprjeta pubblika, jew li jkunu qeghdin taht il-kustodja pubblika, u cioe iffalsifika timbri tal-Port Health Services, tad-dipartiment tas-Servizzi tal-Veterinarju tal-Gvern u dipartimenti ohra

tal-Gvern u aktar talli xjentement ghamel uzu minn dawn is-sigilli, timbri jew marki hekk iffalsifikati fuq dokumenti tal-Port Health Services, tad-Dipartiment tas-Servizzi tal-Veterinarju tal-Gvern u dipartimenti ohra tal-Gvern u dan ir-reat sar bi ksur tal-Artikolu 172(1) u (2) tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali u tal-imputat sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Rat il-verbal tal-11 ta' Dicembru 2000 fejn l-imputat ammetta ghall-akkuzi kif dedotti kontra tieghu.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Fuq l-istess ammissjoni tieghu, il-Qorti issib lill-imputati hati skond l-akkuza u wara li rat Art 183, 184, 167, 189, 188, 172(1) u (2) tal-kap 9 u Art 9 tal-kap 152 u tillibera lill-imputat bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tmintax il-xahar.

MAGISTRAT

MARICA CARUANA
DEP.REG.